**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2025/2156(DEC)**

5.12.2025

# OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2024
(2025/2156(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Evin Incir

PA_NonLegDec

## OPINJONI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dan li ġej fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jistieden lill-aġenziji kollha tal-ĠAI jsaħħu l-awditi interni tal-effiċjenza u jevitaw id-duplikazzjoni tal-istrutturi amministrattivi; jinsisti li kull żieda fil-baġit jew fil-persunal trid tkun akkumpanjata minn indikaturi tal-prestazzjoni li jistgħu jitkejlu

(Innota li ż-żieda tiegħu tiġi qabel il-Parti I)

***Parti I – Kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali għas-sena finanzjarja 2024***

2. Jinnota żieda kostanti fl-attività operattiva tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), li kienet tinvolvi t-trattament ta' 12 972 każ fl-2024, aktar minn 640 laqgħa ta' koordinazzjoni, 32 ċentru ta' koordinazzjoni u 361 Skwadra ta' Investigazzjoni Konġunta ("SIK") (żieda annwali ta' 25 %), filwaqt li ffaċilitat l-eżekuzzjoni ta' 452 Mandat ta' Arrest Ewropew u l-użu ta' 2 668 Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea;

3. Ifaħħar it-titjib fl-effiċjenza li kisbet il-Eurojust permezz tal-implimentazzjoni ta' 99,94 % tal-baġit tagħha u 98,35 % tat-tabella tal-persunal tagħha; jinnota li dawn ir-riżultati nkisbu minkejja restrizzjonijiet baġitarji kbar li rriżultaw minn żieda fl-ammont ta' xogħol operazzjonali u inflazzjoni għolja;

4. Jilqa' l-appoġġ tal-Eurojust għall-attivitajiet relatati mal-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, is-SIK li tinvestiga allegati delitti internazzjonali ewlenin, l-implimentazzjoni tal-Bażi ta' Data ta' Evidenza dwar Delitti Internazzjonali Ewlenin (CICED) u l-appoġġ għall-iżvilupp taċ-Ċentru Internazzjonali għall-Prosekuzzjoni tad-Delitt ta' Aggressjoni ospitat mill-Eurojust; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu ddedikati riżorsi finanzjarji u umani adegwati għal dawk l-attivitajiet u għall-iżvilupp tagħhom;

5. Jilqa' t-tnedija tan-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-qasam tal-Kriminalità Organizzata (EJOCN) f'Settembru 2024 u ospitat mill-Eurojust, bħala ċentru uniku ta' skambju ta' għarfien espert bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji involuti fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-kriminalità organizzata; jindika l-ħtieġa li tiġi definita strateġija ta' żvilupp koerenti għall-EJOCN biex tiżdied ir-rilevanza tiegħu għall-prattikanti;

6. Jilqa' l-konklużjoni mill-Eurojust tal-arranġamenti ta' ħidma ma' pajjiżi terzi u l-adozzjoni ta' strateġija dwar il-kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali (2024–2027); jitlob li jissaħħu l-attivitajiet ta' kooperazzjoni internazzjonali tagħha permezz ta' aktar żvilupp ta' arranġamenti ta' ħidma, il-konklużjoni ta' sħubijiet u ftehimiet ta' kooperazzjoni;

7. Jilqa' l-kooperazzjoni mill-qrib tal-Eurojust mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-

Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-istabbiliment tal-grupp ta' ħidma bejn l-aġenziji biex jiġu esplorati aktar l-opportunitajiet ta' kooperazzjoni; jinsisti li ċ-ċiklu ta' rieżami leġiżlattiv tal-Eurojust, l-Europol u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) joffri opportunità unika biex jissaħħu aktar is-sinerġiji bejniethom b'mod partikolari fil-kooperazzjoni operattiva, fl-iskambju tad-data u tal-informazzjoni, filwaqt li tiġi żgurata l-komplementarjetà u jiġu evitati d-duplikazzjoni jew it-trikkib fil-kompetenzi legali tagħhom;

8. Jistieden lill-Europol jinnomina punt ta' kuntatt iddedikat għall-Eurojust, responsabbli biex jiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni, jiżgura kollegament f'każijiet konġunti u jtejjeb il-koordinazzjoni bejn l-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunti (SIK) tal-Eurojust u t-task forces operattivi tal-Europol;

9. Jappella wkoll għal interoperabbiltà mmirata bejn il-Eurojust u l-Europol, filwaqt li jiġu żgurati l-proporzjonalità, iċ-ċertezza legali u l-kunfidenzjalità, sabiex tittejjeb id-detezzjoni bikrija tar-rabtiet bejn l-investigazzjonijiet ġudizzjarji u dawk tal-infurzar tal-liġi;

10. Jinnota bi tħassib serju dewmien importanti fl-implimentazzjoni tas-Sistema l-ġdida ta' Ġestjoni tal-Każijiet; jenfasizza r-riskju tal-impatt potenzjali ta' dan id-dewmien fuq l-ammissibbiltà tal-evidenza f'każijiet ittrattati mill-Eurojust, inklużi dawk maħżuna fis-CICED; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Eurojust jistabbilixxu b'mod konġunt skeda ta' żmien trasparenti u pjan ta' ġestjoni tar-riskju għas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet, filwaqt li jiżguraw il-kontinwità operattiva u l-integrità tad-data fl-investigazzjonijiet kollha li għaddejjin; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea twettaq valutazzjonijiet tal-impatt sistematiċi u stimi tal-isforzi fl-iżvilupp ta' sistemi tal-IT kumplessi, speċjalment meta l-iskadenzi għall-istabbiliment u għat-tħaddim tagħhom jiġu introdotti fil-proposti leġiżlattivi;

***Parti II – Kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2024***

11. Jilqa' l-fatt li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) kienet kapaċi tissodisfa l-objettivi tagħha u twettaq l-attivitajiet previsti fil-Programm ta' Ħidma Annwali tagħha minkejja n-nuqqas kontinwu ta' riżorsi umani u finanzjarji speċjalment peress li l-mandat tal-FRA ġie estiż b'mod sostanzjali; jinnota li l-FRA għadha tesperjenza restrizzjonijiet f'termini ta' riżorsi finanzjarji u umani u jtenni t-tħassib tiegħu dwar dan; u jitlob li jiġu allokati riżorsi addizzjonali lill-FRA kemm f'termini ta' baġit kif ukoll ta' persunal; jinnota li l-għadd ta' pubblikazzjonijiet prodotti kien ta' 102 meta mqabbel mal-mira stabbilita ta' 50, l-għadd ta' laqgħat u avvenimenti esterni li fihom l-FRA ppreżentat/tkellmet/intervjeniet formalment kien ta' 223 meta mqabbel mal-mira stabbilita ta' 120, l-għadd ta' inputs bil-miktub/verbali mressqa kien ta' 520 meta mqabbel mal-mira stabbilita ta' 120, u li l-għadd ta' materjali ta' komunikazzjoni prodotti kien ta' 3 617 meta mqabbel mal-mira stabbilita ta' 1 000; jinnota b'sodisfazzjon li l-FRA għandha livell għoli ħafna ta' eżekuzzjoni li huwa ogħla minn 99 %; iqisu bħala indikatur importanti ta' ġestjoni finanzjarja tajba u r-rispett tal-prinċipji baġitarji; jilqa' l-kooperazzjoni ma' aġenziji oħra tal-UE; korpi internazzjonali u nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u tas-soċjetà ċivili sabiex jiġi żgurat li jkun hemm konformità mad-drittijiet fundamentali; jissottolinja li n-nuqqas

ta’ riżorsi jista’ jaffettwa l-kwalità tax-xogħol li l-aġenzija pprovdiet u dan kien importanti ħafna biex jiġi żgurat li l-politika u l-leġiżlazzjoni tal-UE jqisu d-drittijiet fundamentali;

12. Jenfasizza r-rwol tal-FRA bħala attur kruċjali fil-qasam tad-drittijiet fundamentali u tal-istat tad-dritt, kif minqux fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li hija d-dritt primarju tal-UE, u jfaħħar l-appoġġ tagħha biex tiżgura r-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet fundamentali fil-liġijiet u l-politiki eżistenti tal-UE, inklużi l-kontributi tagħha għal inizjattivi dwar l-ugwaljanza u kontra d-diskriminazzjoni, bħall-ġlieda kontra s-sessiżmu, ir-razziżmu, l-antisemitiżmu, u l-Iżlamofobija, filwaqt li tappoġġja l-ġbir ta’ data dwar l-ugwaljanza, l-assistenza fl-implimentazzjoni tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom, u l-għoti ta’ kontribut għar-rapporti tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta’ Azzjoni tal-UE għall-Ġlieda Kontra r-Razziżmu 2020–2025 u l-pjanijiet ta’ azzjoni nazzjonali relatati, l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020–2025, u l-ewwel rapport ta’ progress dwar l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-Sostenn tal-Ħajja Lhudija; jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-FRA fit-tħejjija tar-Rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt; jisħaq fuq ir-rwol importanti tal-FRA fil-promozzjoni tal-protezzjoni tas-soċjetà ċivili u s-salvagwardja tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li qegħdin f’riskju; fl-għoti ta’ appoġġ għar-riċerka u l-bini tal-kapaċità relatat mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem; u r-Rapport annwali dwar id-Drittijiet Fundamentali; iqis, madankollu, li l-espansjoni tal-mandat tal-FRA trid tibqa’ proporzjonata mal-missjoni ewlenija tagħha;

13. Jilqa’ l-ewwel proġett tal-FRA li jipprovdi prospettiva strateġika fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, bl-għan li jiġu antiċipati l-isfidi futuri għad-drittijiet fundamentali u l-aġenzija tkun tista’ tappoġġja aħjar it-tfassil tal-politika tal-UE u lill-Istati Membri fl-indirizzar ta’ kwistjonijiet emerġenti;

14. Jenfasizza l-gwida u l-involviment tal-FRA fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni, il-fruntieri u l-interoperabbiltà u l-enfasi kbira tagħha fuq id-drittijiet fundamentali, l-obbligi internazzjonali tal-Istati Membri u l-liġi tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem f’dan il-qasam, inkluża l-ħidma tal-Aġenzija rigward il-politiki ta’ migrazzjoni bl-għan li dawn jitfasslu u jiġu implimentati b’rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali, u s-sessjonijiet ta’ taħriġ imwettqa għall-awtoritajiet nazzjonali, li inkludew enfasi fuq is-salvagwardji tad-drittijiet fundamentali fil-migrazzjoni u l-ażil;

15. Jilqa’ l-kontribut tal-FRA għall-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, l-għarfien espert ipprovdut dwar l-implimentazzjoni tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, u r-rapport ippubblikat mill-Aġenzija dwar l-isfidi tal-implimentazzjoni tar-regolament ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data (GDPR), li jinforma l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tar-regolament; jinnota b’sodisfazzjon il-ħidma pprovduta mill-FRA dwar kontenut ta’ ħsara online u prattiki ta’ moderazzjoni, it-tisħiħ tal-ġbir tad-data dwar id-diskors ta’ mibegħda online u dwar iċ-ċiberkriminalità u d-drittijiet fundamentali;

***Parti III – Kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil għas-sena finanzjarja 2024***

16. Jinnota li fis-7 ta’ Mejju 2025, il-Parlament Ewropew iddeċieda li jipposponi d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għoti ta’ kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2023 minħabba investigazzjoni imminenti tal-OLAF li kienet tinvolvi allegatament kwistjonijiet li jaffettwaw il-ġestjoni finanzjarja tagħha; jinnota li fit-22 ta’ Ottubru 2025, il-Parlament Ewropew ta l-kwittanza lill-EUAA, u pprovda lill-Aġenzija b’diversi rakkomandazzjonijiet; itenni l-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet kollha maħruġa mill-Parlament fid-dawl tal-proċedura ta’ kwittanza tal-2024;

17. Jinnota li fl-2024, ġew ippreżentati aktar minn miljun applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali (-11 % meta mqabbla mal-2023), u saħansitra 746 000 deċiżjoni li jagħtu protezzjoni temporanja nħarġu mill-pajjiżi UE+; jenfasizza l-appoġġ operazzjonali u tekniku kontinwu li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) ipprovdiet lill-Istati Membri f’dak il-kuntest, b’mod partikolari permezz ta’ pjanijiet operazzjonali fi 13-il Stat Membru[11], li jżidu mal-kapaċità nazzjonali tagħhom li jipproċessaw l-applikazzjonijiet għall-ażil u jipprovdu akkoljenza; jinnota wkoll b’sodisfazzjon li l-operazzjonijiet tal-EUAA jiżviluppaw skont il-ħtiġijiet fuq il-post; jilqa’ l-fatt li fil-qasam tar-risistemazzjoni, il-Faċilità ta’ Appoġġ għar-Risistemazzjoni tal-EUAA fit-Turkija qed tintuża dejjem aktar mill-Istati Membri u dan jirriżulta fl-appoġġ ta’ 34 missjoni ta’ risistemazzjoni, li jassistu 4 100 persuna f’dak il-kuntest;

18. Japprezza li saru 1 200 sessjoni ta’ taħriġ mill-EUAA, li għalihom attendew 18 000 parteċipant, u dan jindika żieda ta’ 28 % meta mqabbel mal-2023; jinnota b’sodisfazzjon li, wara ħidma preparatorja u impenjata twila, l-EUAA rċeviet rikonoxximent uffiċjali bħala fornitur ta’ edukazzjoni ulterjuri u għolja, f’kooperazzjoni mal-awtoritajiet Maltin; huwa konvint li dan huwa stadju importanti fit-trasformazzjoni tal-kurrikulu tat-taħriġ f’għodda unika li trawwem approċċ komuni għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fl-UE; jilqa’ l-adozzjoni tal-programm ta’ monitoraġġ pluriennali, li jistabbilixxi l-ordni tal-ewwel ċiklu ta’ monitoraġġ għall-applikazzjoni operazzjonali u teknika tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, bejn l-2026 u l-2030; jilqa’ wkoll l-istabbiliment ta’ metodoloġija komuni għal dawn l-eżerċizzji ta’ monitoraġġ;

19. Jirrikonoxxi l-kontributi ewlenin mill-EUAA fil-qasam tal-informazzjoni u l-gwida tal-pajjiż ta’ oriġini, kif ukoll l-għarfien tas-sitwazzjoni u l-ġbir ta’ data konnessa;

20. Jilqa’ l-isforzi tal-EUAA biex taġġorna fil-ħin il-materjali ta’ appoġġ kollha tagħha wara l-leġiżlazzjoni l-ġdida u l-adozzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u japprezza ferm il-kontribut u l-appoġġ tal-EUAA pprovduti fit-tħejjija tad-dħul fis-seħħ tal-Patt, fost l-oħrajn permezz ta’ 11-il prodott relatat mal-Patt, li huma kruċjali biex jiggwidaw lill-Istati Membri u lill-prattikanti fil-ħidma tagħhom; jitlob madankollu li dawk id-dokumenti jiġu kondiviżi mal-Parlament f’kuntest mhux kunfidenzjali kemm għall-finijiet ta’ trasparenza kif ukoll ta’ effiċjenza;

21. Jinnota l-baġit tal-EUAA fl-2024 ta’ EUR 172 miljun u l-postijiet tal-persunal tagħha ta’ 592 (meta mqabblin ma’ 529 fl-2023); jappella għal livelli xierqa ta’ finanzjament u persunal għall-EUAA, filwaqt li titqies iż-żieda sinifikanti fil-kompiti fdati lill-

Aġenzija fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil; jiddispjaċih li l-pożizzjonijiet mimlija fl-2024 laħqu biss in-numru ta' 508 postijiet; ifaħħar lill-persunal tal-EUAA għall-impenn tiegħu u l-eżitu tal-ħidma tiegħu, minkejja l-għadd konsiderevoli ta' postijiet vakanti flimkien ma' ammont kbir ta' xogħol għall-impjegati; jisħaq fuq l-importanza li jitrawwem ambjent tax-xogħol pożittiv iffaċilitat minn kanali ta' komunikazzjoni miftuħa u sistema ta' premjazzjoni bbażata fuq il-mertu; iħeġġeġ lill-EUAA tħaffef il-proċessi ta' reklutaġġ biex jimtlew il-pożizzjonijiet miftuħa kollha;

22. Jinnota t-titjib tal-EUAA bl-implimentazzjoni ta' 99 % tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u 95 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament, u jħeġġeġ lill-EUAA tkompli telabora u żżid il-kwalità tal-mekkaniżmi ta' kontroll intern; iħeġġeġ lill-EUAA tirrapporta lill-Parlament perjodikament dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet bil-miktub maħruġa mill-Bord tat-Tmexxija fl-2025, dwar l-azzjonijiet korrettivi li d-Direttur Eżekuttiv ħabbret fl-"Istqarrija ta' Viżjoni dwar it-tmexxija li timplimenta l-bidliet fl-EUAA" tagħha; itenni l-importanza tal-involviment proattiv mill-Bord tat-Tmexxija fit-tmexxija tal-orjentazzjoni għall-attivitajiet tal-EUAA, u jfakkar fl-importanza li jiġu żgurati proċeduri u struttura effiċjenti u trasparenti li għandhom jiġu stabbiliti bil-ħsieb li jikkomunikaw mal-Bord tat-Tmexxija filwaqt li jippermettu l-eżerċizzju ta' sorveljanza fil-ħin u effettiva; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja u tassisti lill-Membri tal-Bord tat-Tmexxija fit-twettiq tar-rwol ta' sorveljanza tagħhom;

23. Jistieden lill-EUAA tistabbilixxi funzjoni tal-etika interna indipendenti; iħeġġeġ lill-EUAA tindirizza b'mod sod id-dgħufijiet fil-ġestjoni tar-riżorsi umani żvelati fir-rapport tal-OLAF, li ġie diskuss fil-Kumitat CONT fil-15 ta' Lulju 2025, bil-ħsieb li fi ħdan l-organizzazzjoni jinżammu l-integrità u l-fiduċja;

24. Ifakkar fl-importanza li tissaħħaħ is-sorveljanza parlamentari bil-ħsieb li jissaħħaħ l-obbligu ta' rendikont tal-EUAA u jtenni l-appell lill-aġenzija biex tikkondividi l-minuti tad-deliberazzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija; minħabba l-involviment tal-Parlament Ewropew fil-kwistjonijiet irregolati mir-Regolament EUAA; jappella lill-Bord tat-Tmexxija biex jistieden b'mod sistematiku espert tal-Parlament Ewropew biex jattendi l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija;

25. Jilqa' l-adozzjoni tal-ewwel strateġija dwar id-drittijiet fundamentali tal-EUAA u l-pjanijiet ta' azzjoni li ġejjin wara; jilqa' l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-ilmenti u l-paġna web iddedikata biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-mekkaniżmu; japprezza l-24 osservazzjoni mogħtija mill-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali (FRO) wara analiżi tal-pjanijiet operazzjonali, l-evalwazzjonijiet tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet operazzjonali u żjarat fuq il-post fl-operazzjonijiet tal-EUAA; jilqa' l-ewwel Rapport Annwali tal-Uffiċċju tal-FRO, li jipprovdi ħarsa ġenerali tal-attivitajiet fl-2024;

***Parti IV – Kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja għas-sena finanzjarja 2024***

26. Jilqa' l-kisbiet operazzjonali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja

(eu-LISA) fl-2024, inkluża l-konsolidazzjoni tal-operazzjonijiet tas-SIS, tal-VIS u tal-Eurodac, il-konnessjoni tal-Frontex mas-SIS, li tippermetti aċċess sħiħ għall-VIS għall-Bulgarija u r-Rumanija, u l-akkwiżizzjoni formali tat-tmexxija operattiva tas-sistema e-CODEX; jinnota wkoll it-tħejjijiet tal-aġenzija għas-sistema Eurodac il-ġdida, li għandha tiġi implimentata sa Ġunju 2026 għal funzjonalitajiet ewlenin, u l-bidu tal-iżvilupp tal-Pjattaforma ta' Kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (CP); ifakkar li l-acquis applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data jeħtieġ li jiġi rrispettat għalkollox;

27. Jinnota b'sodisfazzjon li fl-2024, l-eu-LISA eżegwiet 100 % tal-approprjazzjonijiet ta' impenn tagħha li jammontaw għal EUR 307,39 miljun u implimentat bis-sħiħ l-approprjazzjonijiet ta' pagament tagħha ta' EUR 260,11 miljun, inklużi r-riporti; jilqa' t-tnaqqis sinifikanti tar-riporti mill-2024 għall-2025 b'madwar 50 % meta mqabbel mas-sena preċedenti, u b'hekk ġie indirizzat it-tħassib preċedenti tal-Parlament, iżda jiddispjaċih li r-rata ta' kanċellazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament baqgħet għolja, jiġifieri 14,5 %;

28. Jissottolinja l-urġenza li titwettaq l-arkitettura tal-interoperabbiltà, filwaqt li jitqiesu l-lezzjonijiet tal-eżerċizzju konġunt ta' prova, u jisħaq li l-iskambju rapidu u affidabbli ta' informazzjoni huwa vitali għall-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-Unjoni;

29. Jiddispjaċih li s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) ma setgħetx tibda topera f'Novembru 2024 iżda jilqa' l-miżuri adottati mill-eu-LISA biex taċċellera l-progress u tiggarantixxi d-dħul fis-seħħ progressiv tas-sistema li se tibda mit-12 ta' Ottubru 2025;

30. Jilqa' l-enfasi msaħħa tal-eu-LISA fuq iċ-ċibersigurtà, inklużi l-implimentazzjoni ta' monitoraġġ 24 siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa, ir-rispons għall-inċidenti u l-eżerċizzji f'kooperazzjoni man-Network tal-Aġenziji tal-ĠAI (JHAAN); jisħaq fuq l-importanza li r-regolamenti l-ġodda tal-Unjoni dwar iċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-informazzjoni jiġu implimentati fil-ħin;

31. Jinnota l-isforzi mill-eu-LISA fl-2024 biex tagħmel użu effettiv mir-riżorsi finanzjarji u umani tagħha; jirrikonoxxi l-importanza li jkomplu jittejbu r-rati ta' okkupanza u l-ħtieġa li titnaqqas id-dipendenza fuq kuntratturi esterni billi jissaħħu l-kapaċitajiet interni; jilqa' l-pjan ta' azzjoni ta' ġestjoni strateġika biex jittejjeb it-twettiq tas-sistema, tinbena kapaċità ta' żvilupp interna, tittejjeb il-ġestjoni tat-talenti u jissaħħu r-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-eu-LISA tingħata riżorsi adegwati biex tlaħħaq mal-mandat dejjem jikber tagħha;

32. Jenfasizza l-importanza tal-programm ta' żieda fil-kapaċità tal-eu-LISA biex jiġu żgurati riżorsi suffiċjenti taċ-ċentru tad-data kemm għas-sistemi tal-IT ġodda kif ukoll għal dawk eżistenti, u jilqa' l-miżuri fis-seħħ għat-tisħiħ tal-ippjanar u l-monitoraġġ affidabbli tal-baġit; jisħaq fuq l-importanza li tiġi ffinalizzata l-istrateġija ta' akkwist u li tiżdied il-kapaċità interna biex titnaqqas id-dipendenza fuq kuntratturi esterni; jitlob sadanittant li tiżdied is-sorveljanza fuq il-kuntratturi, filwaqt li titqies ukoll is-sensittività tad-data ttrattata mill-Aġenzija;

***Parti V – Kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2024***

33. Ifakkar li l-baġit tal-Aġenzija żdied minn EUR 118 miljun fl-2011 għal EUR 922 miljun fl-2024 bħala riżultat tal-mandat rivedut u f'konformità mad-deċiżjonijiet baġitarji adottati f'dan il-perjodu; jinnota li ż-żieda fil-kompetenzi u fil-baġit jeħtieġ li tkun akkumpanjata minn obbligu ta' rendikont u trasparenza, filwaqt li tiġi żgurata l-kapaċità operattiva sħiħa tal-Aġenzija biex twettaq il-mandat tagħha b'mod effettiv, inkluż ir-rispett għad-drittijiet fundamentali;

34. Jirrikonoxxi li fl-2024, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) ħadet passi sinifikanti biex tallinja d-direzzjoni strateġika u l-kapaċitajiet operazzjonali tagħha mal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil billi implimentat pjan ta' azzjoni intern biex tappoġġja lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Patt, billi kkontribwiet għall-mekkaniżmu tal-UE għat-Tħejjija u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet relatati mal-migrazzjoni (Blueprint dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet tal-Migrazzjoni), u billi adottat l-Istrateġija ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tal-Frontex 2024–2026;

35. Jilqa' l-fatt li fl-2024, il-Frontex implimentat il-katina ta' kmand il-ġdida, li tippermetti teħid ta' deċiżjonijiet deċentralizzat u reazzjoni aktar rapida għall-ħtiġijiet operazzjonali emerġenti fil-livell lokali; jirrikonoxxi li l-mudell il-ġdid tal-organizzazzjoni u tan-negozju jista' jiżgura ġestjoni aktar flessibbli, adattiva u kosteffiċjenti tal-operazzjonijiet meta mqabbla mas-sistema preċedenti; jistieden lill-aġenzija talloka parametru referenzjarju għall-arranġamenti l-ġodda, filwaqt li tistabbilixxi objettivi kwantitattivi u kwalitattivi u tirrapporta dwar il-progress; jilqa' wkoll l-adozzjoni tal-Analiżi Strateġika tar-Riskji 2024;

36. Jilqa' ulterjorment li l-Frontex approfondiet ukoll is-sħubija tagħha mal-EUAM Ukraine, filwaqt li saħħet il-ġestjoni integrata tal-fruntieri u s-sigurtà fil-fruntiera bejn l-UE u l-Ukrajna matul il-kunflitt li għaddej;37. Jenfasizza r-rwol fundamentali tal-Frontex fil-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni; jirrikonoxxi r-rwol tagħha fl-operazzjonijiet ta' Tiftix u Salvataġġ (SAR), bl-użu ta' assi marittimi u tal-ajru f'operazzjonijiet konġunti li rrispondew għal 1 599 inċident u assistew 65 919-il migrant; itenni t-talba tiegħu biex titwaqqaf missjoni komprensiva ta' tiftix u salvataġġ tal-UE implimentata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u mill-Frontex, li tista' tnaqqas b'mod sinifikanti l-imwiet fuq il-baħar;

38. Jilqa' s-segwitu proattiv mill-Frontex dwar ilmenti relatati mad-drittijiet fundamentali; jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali biex jiġi żgurat segwitu xieraq dwar l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali bi qbil mal-mekkaniżmi nazzjonali**;** madankollu, jirrakkomanda li l-mekkaniżmu tal-ilmenti għandu jittejjeb biex tissaħħaħ l-effettività tiegħu, peress li għadd ta' lmenti relatati mad-drittijiet fundamentali għadhom qed jiġu miċħuda minħabba nuqqas ta' ammissibbiltà; jinnota li l-"Grupp ta' Ħidma - Artikolu 46", stabbilit fis-27 ta' Settembru 2022 biex jiffaċilita l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tad-Direttur Eżekuttiv, ikkonkluda l-ħidma tiegħu fit-22 ta' Settembru 2024; jisħaq li l-uffiċjali tal-Frontex jeħtiġilhom jevitaw l-involviment fi kwalunkwe azzjoni li tista' tikser direttament jew indirettament id-drittijiet fundamentali; jilqa' l-impenn imsaħħaħ tal-Frontex favur it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' informazzjoni ta' wara l-operazzjonijiet aktar dettaljata;

39. Jilqa’ l-istabbiliment tal-Panel għall-Konformità mad-Drittijiet Fundamentali, li jikkonferma li l-konformità mad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet kollha tal-Frontex hija responsabbiltà kondiviża fl-aġenzija kollha u jirrikonoxxi l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta’ Azzjoni għad-Drittijiet Fundamentali;

40. Jirrikonoxxi l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta’ Azzjoni għad-Drittijiet Fundamentali u jħeġġeġ lill-Frontex tkompli bl-isforzi proattivi biex tinvolvi lill-awtoritajiet nazzjonali fl-implimentazzjoni u r-rendikont regolari, minħabba r-rilevanza tagħha għall-komponenti kollha tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCG);

41. Jinnota li r-rata ta’ okkupanza ta’ 85,3 % (2 773 pożizzjoni okkupata) kienet taħt it-93 % fil-mira u jistieden lill-Frontex tkompli bl-isforzi ta’ reklutaġġ tagħha biex tnaqqas ir-rata ta’ pożizzjonijiet vakanti mill-aktar fis possibbli; iħeġġeġ bil-qawwa lill-aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha favur bilanċ ġeografiku u bejn il-ġeneri;

42. Jilqa’ l-fatt li l-proċedura tal-offerti għall-implimentazzjoni tas-sistema ta’ Dokumenti Foloz u Awtentiċi Online (FADO) tlestiet, intgħażel kuntrattur, ġie ffirmat il-kuntratt, u bdiet il-fażi ta’ implimentazzjoni; madankollu, jiddeplora d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-FADO, peress li r-Regolament FADO diġà daħal fis-seħħ f’April 2020, jistieden lill-Frontex timplimenta bis-sħiħ il-FADO;

43. Jinnota r-rwol akbar tal-Frontex f’pajjiżi terzi, b’mod partikolari permezz tal-konklużjoni u l-aġġornament ta’ diversi Ftehimiet dwar l-Istatus u Ftehimiet ta’ Ħidma, kif ukoll impenn politiku akbar; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati bir-reqqa l-obbligi tal-proporzjonalità u tad-drittijiet fundamentali f’attivitajiet li jinvolvu pajjiżi mhux tal-UE, fid-dawl tad-diversi ambjenti operattivi;

44. Jinnota l-implimentazzjoni li għaddejja ta’ tliet rakkomandazzjonijiet finanzjarji tal-OLAF u r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew li l-iskadenza għall-implimentazzjoni tagħhom hija Mejju 2025; iħeġġeġ lill-Frontex tiżgura, mingħajr aktar dewmien, l-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet kollha mill-korpi Ewropej tal-awditjar u l-iskrutinju, b’mod partikolari mill-OLAF u dawk mill-Grupp ta’ Ħidma ta’ Skrutinju tal-Frontex tal-Parlament Ewropew, l-Ombudsman Ewropew, il-Qorti, u l-Grupp ta’ Ħidma tal-Frontex dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Aspetti Operattivi Legali tal-Operazzjonijiet (WG FRaLO); jinnota b’sodisfazzjon li minn Diċembru 2023 l-ebda każ relatat mar-rakkomandazzjonijiet tal-FSWG mhuwa pendenti speċifikament, ġew implimentati 39 rakkomandazzjoni u tlieta ngħalqu għax ma kinux fattibbli; barra minn hekk, minn Ottubru 2024, l-ebda azzjoni ma kienet għadha pendenti fir-rigward tar-rapport tal-OLAF, peress li 100 % tal-azzjonijiet ġew implimentati; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li s-sejbiet tal-OLAF u tal-UPPE dwar il-Frontex jiġu segwiti minn skedi ta’ żmien ċari għall-implimentazzjoni u, fejn meħtieġ, minn miżuri dixxiplinari; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tirrifletti r-rakkomandazzjonijiet leġiżlattivi u relatati mal-governanza tar-rapporti kollha msemmija hawn fuq fil-proposta tagħha għal Regolament ġdid;

45. Jinnota li fl-2024, l-FRO qatta’ madwar 1 850 jum fuq il-post, żieda ta’ aktar minn 10 % meta mqabbel mas-sena preċedenti, li matulhom immonitorja l-attivitajiet tal-Frontex f’24 pajjiż; jinnota t-titjib osservat fl-aċċess tal-FRO għal oqsma operazzjonali,

attivitajiet u dokumenti; jenfasizza, madankollu, li l-FRO kompla jirrapporta limitazzjonijiet fl-aċċess għal żoni jew attivitajiet operazzjonali; jistieden lill-Istati Membri kif ukoll lill-pajjiżi terzi jipprovdu lill-FRO b'aċċess sħiħ għaż-żoni u l-attivitajiet operazzjonali; iħeġġeġ lill-Frontex tiżgura immedjatament tali aċċess sħiħ, bħala kundizzjoni għall-involviment f'operazzjoni konġunta;

***Parti VI – Kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi għas-sena finanzjarja 2024***

46. Jinnota li l-baġit operattiv tal-2024 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) ammonta għal EUR 12 589 437, li jirrifletti żieda ta' 12,3 % meta mqabbel mal-baġit finali għall-2023; jilqa' l-fatt li, fl-2024, ir-rata ta' implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' impenn mis-CEPOL kienet ta' 100 %, u din kienet it-tielet sena konsekuttiva li fiha ntlaħqet implimentazzjoni sħiħa;

47. Jirrikonoxxi li s-CEPOL tipprovdi portafoll ta' taħriġ komprensiv fl-oqsma kollha tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT); jinnota li s-suġġetti tal-EMPACT u ċ-Ċiberkriminalità kienu l-aktar suġġetti popolari li attendew għalihom kważi 64 % tal-għadd totali ta' parteċipanti fl-2024; ifaħħar lis-CEPOL għall-fatt li l-kwalità tal-prodotti tal-aġenzija kif imkejla mir-rata ta' sodisfazzjon tal-klijenti baqgħet għolja fl-2024, b'mod ġenerali 97 % tal-parteċipanti ddikjaraw li kienu sodisfatti ħafna jew sodisfatti bl-attivitajiet;

48. Jirrikonoxxi li fit-30 ta' Mejju 2024 l-aġenzija kienet il-vittma ta' attakk ċibernetiku massiv, u l-infrastruttura tal-ICT tagħha fuq il-post kif ukoll il-pjattaforma ta' apprendiment elettroniku LEEd ġew meqjusa bħala kompletament kompromessi; jilqa' l-approċċ ikkoordinat meħud mill-aġenzija f'kooperazzjoni mill-qrib mas-CERT-UE u l-Kummissjoni fir-rigward tal-bini ta' infrastruttura tal-IT ġdida u sigura; jinnota li s-CEPOL irċeviet EUR 1 153 938 addizzjonali f'finanzjament destinat biex jappoġġja l-kostijiet żejda fil-qasam tal-IT (EUR 1 064 000) u t-tisħiħ tas-salarji (EUR 89 938);

49. Jirrikonoxxi li l-attakk ċibernetiku kkawża tnaqqis sinifikanti f'termini ta' sensibilizzazzjoni ta' uffiċjali tal-infurzar tal-liġi mħarrġa mill-Istati Membri tal-UE; jirrikonoxxi li, minkejja l-attakk ċibernetiku, l-aġenzija implimentat 350 attività li attendew għalihom madwar 21 600 parteċipant fl-2024, meta mqabbla ma' 490 attività (-29 %) u 46 431 parteċipant (-54 %) fl-2023;

50. Jinnota li, filwaqt li s-CERT-UE lesta l-investigazzjoni tiegħu dwar l-attakk ċibernetiku, l-investigazzjoni kriminali mnedija mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi Ungeriżi, appoġġjata mill-Europol, għadha għaddejja; jisħaq li l-Parlament Ewropew jistenna li jiġi infurmat dwar ir-riżultati tal-investigazzjoni;

51. Jilqa' l-fatt li s-CEPOL kompliet tipprovdi portafoll ta' taħriġ ċibernetiku permezz tal-Akkademja taċ-Ċiberkriminalità tas-CEPOL tagħha; jilqa' l-fatt li l-attivitajiet ta' taħriġ iddedikati tejbu l-għarfien dwar iċ-ċiberkriminalità u l-kapaċitajiet ċibernetiċi fl-Ewropa fl-oqsma tal-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal, l-iskemi ta' frodi online u l-attakki ċibernetiċi;

52. Jinnota b'dispjaċir li l-attivitajiet ta' taħriġ fil-qasam tad-drittijiet fundamentali naqsu

fl-2024 (meta ġew implimentati 10 attivitajiet b’427 parteċipant) meta mqabbla mal-2023 (19-il attività b’2 063 parteċipant); jissottolinja li l-objettiv ewlieni tas-CEPOL huwa li jappoġġja, jiżviluppa, jimplimenta u jikkoordina t-taħriġ għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, filwaqt li jagħmel enfasi partikolari fuq il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fil-kuntest tal-infurzar tal-liġi;

***Parti VII – Kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi għas-sena finanzjarja 2024***

53. Jinnota li fit-2 ta’ Lulju 2024, l-Aġenzija l-ġdida tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi (EUDA) issostitwiet uffiċjalment iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga; ifakkar li r-Regolament EUDA għandu l-għan li jindirizza l-fenomenu tad-drogi permezz ta’approċċ olistiku u bbażat fuq l-evidenza;

54. Jinnota li, biex twettaq il-kompiti l-ġodda tagħha, l-EUDA fl-2024 ibbenefikat minn żieda ta’ aktar minn 80 % fil-baġit annwali u fir-reklutaġġ tal-persunal biex jimtlew 28 pożizzjoni ġdida; jistieden lill-EUDA tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-mandat il-ġdid tagħha;

55. Jinnota li l-baġit operattiv tal-EUDA għall-2024 ammonta għal EUR 32 723 728; jilqa’ l-fatt li, fl-2024, ir-rata ta’ implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta’ impenn mill-EUDA kienet ta’ 100 %; madankollu, jinnota bi tħassib li r-rata ta’ kanċellazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta’ pagament tal-2024 ammontat għal 10,49 %, li tikkorrispondi għall-kanċellazzjoni ta’ EUR 3 401 035; jirrikonoxxi li din ir-rata ta’ kanċellazzjoni hija r-riżultat tar-restrizzjonijiet li affettwaw il-kapaċità tal-EUDA li tonfoq il-baġit tagħha għall-2024 sakemm beda l-mandat il-ġdid tal-aġenzija fit-2 ta’ Lulju 2024;

56. Jilqa’ l-kontribut tal-EUDA għall-EMPACT u għall-pjanijiet ta’ azzjoni operazzjonali (OAPs) taċ-ċiklu ta’ politika tal-UE dwar il-kriminalità internazzjonali organizzata u serja; japprezza l-iżvilupp tas-Sistema Ewropea ta’ Twissija dwar id-Drogi (EDAS) biex jinħarġu twissijiet meta riskji serji relatati mad-droga jidhru fis-suq; jilqa’ t-tnedija tan-Network Ewropew tal-Laboratorji Forensiċi u Tossikoloġiċi u s-Sistema Ewropea ta’ Valutazzjoni tat-Theddid (ETAS);

57. Jilqa’ l-isforzi kontinwi tal-EUDA biex timplimenta s-Sistema ta’ Twissija Bikrija (STB) tal-UE f’kollaborazzjoni mas-sħab fl-Istati Membri; jinnota li ġew innotifikati 47 sustanza psikoattiva ġdida (SPĠ) u li l-għadd totali ta’ SPĠ attwalment immonitorjati huwa ta’ madwar 1 000; japprezza r-rapporti tekniċi ppubblikati mill-aġenzija;

58. Jirrikonoxxi li l-EUDA pproduċiet 33 pubblikazzjoni xjentifika u istituzzjonali fl-2024, kif ukoll kitbet jew kienet koawtur ta’ 16-il artiklu xjentifiku u kapitlu ta’ ktieb, japprezza l-għarfien espert xjentifiku u bbażat fuq l-evidenza pprovdut mill-aġenzija;

59. Jilqa’ t-tnedija tar-Rapport Ewropew dwar id-Drogi 2024 u l-enfasi tiegħu fuq sustanzi sintetiċi qawwija, taħlitiet ġodda ta’ drogi u xejriet ta’ użu li qed jinbidlu;

60. Jinnota b’sodisfazzjon li l-EUDA pprovdiet appoġġ u informazzjoni regolari u siewja fuq il-politiki dwar id-droga lil dawk li jfasslu l-politika nazzjonali u kkoordinat rieżamijiet xjentifiċi preparatorji dwar il-ħsara relatata mad-droga, it-trattament tagħha

u l-prattiki ta’ tnaqqis tal-ħsara kkawżata mid-droga; jenfasizza l-importanza li titkompla din il-ħidma essenzjali biex jiġu indirizzati x-xejriet u l-isfidi li qed jevolvu u jappella għat-tisħiħ ulterjuri ta’ dawn l-attivitajiet billi titrawwem kollaborazzjoni aktar mill-qrib mal-Istati Membri u tiġi żgurata d-disseminazzjoni xierqa tas-sejbiet lil udjenza usa’, inklużi l-professjonisti tal-kura tas-saħħa u l-pubbliku ġenerali;

61. Jenfasizza li l-EUDA ħarrġet aktar minn 11 700 professjonist li jaħdmu fil-qasam tad-drogi, inklużi ħaddiema tas-saħħa, uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u dawk li jfasslu l-politika fl-Unjoni u barra minnha, u li t-tmien webinars organizzati mill-EUDA attendew għalihom madwar 1 400 professjonist; jilqa’ l-kooperazzjoni ma’ aġenziji oħra tal-UE.

***Parti VIII – Kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi għas-sena finanzjarja 2024***

62. Jenfasizza li fl-2024, l-Europol appoġġjat 3 324 operazzjoni, 65 task force operazzjonali, u 432 jum ta’ azzjoni; jissottolinja r-rwol tal-aġenzija bħala ċ-ċentru ta’ informazzjoni kriminali tal-UE, peress li s-SIENA (Applikazzjoni ta’ Network għall-Iskambju Sikur ta’ Informazzjoni) intużat għall-iskambju ta’ aktar minn 2 miljun messaġġ, filwaqt li l-aġenzija aċċettat 114 459 kontribuzzjoni operazzjonali fl-2024 permezz tan-network;

63. Jinnota wkoll li l-Europol ipprovdiet 366 rapport ta’ analiżi operazzjonali u 29 rapport ta’ analiżi strateġika: jilqa’ l-livell għoli ta’ sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati li ġie espress/innotat fir-rigward tal-prodotti analitiċi tagħhom;

64. Jistieden lill-Europol timplimenta r-rakkomandazzjonijiet li fadal maħruġa mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS), b’mod partikolari fil-kuntest tal-Opinjonijiet Superviżorji tiegħu; jinnota li nstabu għadd ta’ nuqqasijiet bħala parti mill-ispezzjoni tal-EDPS imwettqa f’Ottubru 2023; jappella wkoll lill-Europol biex timplimenta malajr t-23 rakkomandazzjoni maħruġa li fadal biex tiżgura jew ittejjeb il-konformità tal-Europol mal-qafas legali tal-protezzjoni tad-data; filwaqt li jinnota li madwar 75 % tar-rakkomandazzjonijiet, prinċipalment relatati mal-ipproċessar tad-data tal-VIS u l-PNR sadanittant huma kkunsidrati implimentati mill-Europol;

65. Wara t-twiddiba mogħtija lill-Frontex fl-2024**,** li tirreferi għall-iskambju ta’ data bejn il-Europol u l-Frontex relatata mal-migranti u l-attivisti mingħajr ma twettqet l-ebda tip ta’ valutazzjoni tal-ħtieġa ta’ tali kondiviżjoni ta’ informazzjoni, jistieden kemm lill-Europol kif ukoll lill-Frontex jaħdmu mill-qrib mal-EDPS biex jiżguraw li kwalunkwe skambju ta’ data personali ta’ persuni suspettati b’reati transfruntiera jikkonforma mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data u l-mandati rispettivi tal-Aġenziji, filwaqt li jippermettilhom iwettqu l-investigazzjonijiet tagħhom kif xieraq; jinnota f’dan il-kuntest l-aġġornament ipprovdut mill-Europol, li jenfasizza li bejn l-2020 u tmiem l-2024, l-Europol ipproċessat medja ta’ 260 persuna suspettata fis-sena mill-kontribuzzjonijiet riċevuti mill-Frontex;

66. Jesprimi tħassib dwar inċident ta’ sigurtà li seħħ fil-Europol fejn il-fajls tal-persunal amministrattiv ta’ diversi membri tal-persunal tal-Europol u l-maniġment sfaw neqsin; jistieden lill-aġenzija tqiegħed fis-seħħ miżuri xierqa biex tipprevjeni li inċidenti bħal dawn jerġgħu jseħħu; jieħu nota tal-fatt li wara l-briefing li l-Europol ipprovdiet lill-

Kumitat LIBE fid-9 ta' April 2024, ġie stabbilit li l-ebda parti terza barra mill-Europol ma kienet responsabbli għall-inċident, filwaqt li ttieħdu miżuri addizzjonali biex tinżamm ir-responsabbiltà għall-inċident u ssaħħew il-proċessi, u sadanittant ġew diġitalizzati 98 % tal-fajls kollha tal-persunal;

67. Ifaħħar lill-Europol għar-rapport tagħha dwar "Id-dekodifikazzjoni tan-networks kriminali tal-UE li huma l-aktar ta' theddida", prodott ewlieni ġdid li jiddeskrivi kif huma organizzati l-aktar networks kriminali ta' theddid, liema attivitajiet kriminali jinvolvu ruħhom fihom, u kif u fejn joperaw; jilqa' l-istabbiliment reċenti tal-GRIMM tat-Taskforce Operattiva (OTF) tal-Europol, bil-għan li jiġi miġġieled ir-reklutaġġ taż-żgħażagħ fil-kriminalità organizzata u jiġi indirizzat l-fenomenu emerġenti ta' "vjolenza bħala servizz"; iħeġġeġ lill-Europol u lill-Istati Membri jkomplu jiżviluppaw tali task forces operazzjonali ddedikati biex jindirizzaw ix-xejriet kriminali li qed jevolvu permezz ta' kooperazzjoni transfruntiera msaħħa, kondiviżjoni tal-intelligence u azzjoni preventiva;

68. Jilqa' r-riżultati stabbiliti fir-Rapport Annwali Konġunt tal-Europol-Eurojust għall-2024, li jagħti dettalji dwar il-kooperazzjoni ta' suċċess miksuba mill-aġenziji fl-oqsma tal-kriminalità organizzata, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, ir-reati finanzjarji u ekonomiċi, iċ-ċiberkriminalità, u t-terroriżmu u d-delitti internazzjonali l-aktar serji; iqis li l-aġenziji rilevanti kollha tal-UE - inklużi l-Europol, il-Eurojust, is-CEPOL, l-OLAF, l-UPPE u oħrajn - għandhom jipproduċu rapport annwali konġunt regolari li jiddeskrivi l-azzjonijiet koordinati, l-operazzjonijiet kondiviżi u l-kisbiet bejn l-aġenziji tagħhom, sabiex jissaħħu t-trasparenza, il-koerenza u t-tagħlim reċiproku fl-arkitettura tal-ġustizzja u tal-affarijiet interni tal-Unjoni; jinnota b'sodisfazzjon li l-Europol u l-Eurojust ippruvaw iżidu l-kollaborazzjoni u s-sinerġiji, inkluż billi organizzaw Laqgħa Konġunta tal-Kulleġġ tal-Eurojust u l-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol "Riflessjonijiet dwar il-kooperazzjoni", li saret fid-9 ta' Ottubru 2024, fil-Kwartieri Ġenerali tal-Eurojust;

69. Jirrikonoxxi r-rapport tal-aġenzija dwar "L-IA u ż-żamma tal-ordni – Il-benefiċċji u l-isfidi tal-intelliġenza artifiċjali għall-infurzar tal-liġi", ippubblikat f'Settembru 2024; u jilqa' l-għarfien tiegħu dwar il-kapaċitajiet preżenti u futuri tal-IA, li jipproġetta perkors lejn mudell tal-infurzar tal-liġi aktar effiċjenti, reattiv u effettiv filwaqt li jenfasizza t-tħassib dwar il-preġudizzju fid-data, l-ekwità, u t-theddid potenzjali fuq il-privatezza, l-obbligu ta' rendikont, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-diskriminazzjoni; jistieden lill-Europol tirrispetta bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali għall-infurzar tal-liġi; jistieden lill-Europol tiżgura implimentazzjoni sħiħa tal-gwida tal-EDPS f'dan ir-rigward, inkluż billi tiżgura li politiki ta' sorveljanza b'saħħithom jiġu stabbiliti u infurzati għal proċessi li jiddependu fuq l-IA, u dan jiggarantixxi li r-riżultati kollha ġġenerati mill-IA jkunu soġġetti għal kontroll mill-bniedem qabel ma jintużaw jew jiġu trażmessi lill-Istati Membri jew lis-sħab ta' kooperazzjoni;

70. Jinnota l-konklużjonijiet tal-inkjesta tal-Ombudsman tal-UE dwar iċ-ċaqliq ta' żewġ ex membri tal-persunal f'pożizzjonijiet relatati mal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online; ifakkar li l-Ombudsman sabet li l-mod kif il-Europol ittrattat iċ-ċaqliq ta' membru tal-persunal minnhom kien jammonta għal amministrazzjoni ħażina;

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 3.12.2025 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 48<br>–: 14<br>0: 9 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Magdalena Adamowicz, Abir Al-Sahlani, Giuseppe Antoci, Jaume Asens Llodrà, Pernando Barrena Arza, Nikola Bartůšek, François-Xavier Bellamy, Ioan-Rareş Bogdan, Saskia Bricmont, Jaroslav Bžoch, Damien Carême, Susanna Ceccardi, Caterina Chinnici, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Alessandro Ciriani, Lena Düpont, Marieke Ehlers, Estrella Galán, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Paolo Inselvini, Irena Joveva, Erik Kaliňák, Marina Kaljurand, Mariusz Kamiński, Fabienne Keller, Mary Khan, Alice Kuhnke, Murielle Laurent, Fabrice Leggeri, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Michael McNamara, Ana Catarina Mendes, Verena Mertens, Nadine Morano, Matjaž Nemec, Ana Miguel Pedro, Ilaria Salis, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Petra Steger, Cecilia Strada, Alice Teodorescu Måwe, Tomas Tobé, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Kristian Vigenin, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Isabel Wiseler-Lima, Ewa Zajączkowska-Hernik, Alessandro Zan, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Katarina Barley, Anna Maria Cisint, Markéta Gregorová, Monika Hohlmeier, Nikola Minchev, Javier Moreno Sánchez, Jan-Christoph Oetjen, Leoluca Orlando, Oliver Schenk, Sebastian Tynkkynen, Alexandre Varaut, Maciej Wąsik |
| **Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali** | Stefano Cavedagna, José Cepeda, Pietro Fiocchi, Andrey Kovatchev, Marcos Ros Sempere, Michał Szczerba, Catarina Vieira |

## ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li fl-opinjoni tagħha inkludiet kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċeviet, għat-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1] li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

| **1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza** |
|---|
| Transparency International EU / EU transparency register: 501222919-71 |
| **2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom** |
| Xejn |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 48 | + |
|---|---|
| PPE | Magdalena Adamowicz, François-Xavier Bellamy, Ioan-Rareş Bogdan, Caterina Chinnici, Lena Düpont, Monika Hohlmeier, Andrey Kovatchev, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Verena Mertens, Nadine Morano, Ana Miguel Pedro, Oliver Schenk, Michał Szczerba, Alice Teodorescu Måwe, Tomas Tobé, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Isabel Wiseler-Lima, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský |
| PfE | Tom Vandendriessche |
| Renew | Abir Al-Sahlani, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Irena Joveva, Fabienne Keller, Michael McNamara, Nikola Minchev, Jan-Christoph Oetjen |
| S&D | Katarina Barley, José Cepeda, Marina Kaljurand, Murielle Laurent, Ana Catarina Mendes, Javier Moreno Sánchez, Matjaž Nemec, Marcos Ros Sempere, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Cecilia Strada, Kristian Vigenin, Alessandro Zan |
| Verts/ALE | Jaume Asens Llodrà, Saskia Bricmont, Markéta Gregorová, Alice Kuhnke, Leoluca Orlando, Catarina Vieira |

| 14 | - |
|---|---|
| ECR | Mariusz Kamiński, Sebastian Tynkkynen, Maciej Wąsik |
| ESN | Mary Khan, Milan Uhrík, Ewa Zajączkowska-Hernik |
| NI | Erik Kaliňák |
| PfE | Nikola Bartůšek, Susanna Ceccardi, Anna Maria Cisint, Marieke Ehlers, Fabrice Leggeri, Petra Steger, Alexandre Varaut |

| 9 | 0 |
|---|---|
| ECR | Stefano Cavedagna, Alessandro Ciriani, Pietro Fiocchi, Paolo Inselvini |
| PfE | Jaroslav Bžoch |
| The Left | Pernando Barrena Arza, Damien Carême, Estrella Galán, Ilaria Salis |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni